MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 424/2010

**Graziella Decesare**
**vs**
**John Bonnici**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmien mija u sitta u tletin ewro (€836) rapprezentanti rizarciment ta' danni konsistenti fi spejjez inkorsi mill-attrici matul Frar u Marzu, 2009 meta kellha taghmel arrangamenti specjali u tmur toqghod jumejn gewwa Londra, fir-Renju Unit, sabiex tassisti lil binha minuri, Jacob Bonnici Decesare, li huwa wkoll il-wild naturali tal-konvenut. Il-problema inqalghet meta skadiet il-validita' tal-passaport tal-minuri li dak iz-zmien kien qed jattendi skola gor-Renju Unit u l-konvenut irrifjuta minghajr raguni valida li jiffirma d-dokumenti ghal hrug ta' passaport gdid u pprova juza dan bhala arma biex

igieghel lill-attrici twaqqaf kawza ghall-manteniment tal-istess minuri. L-attrici kellha taghmel zmien Londra sabiex tassisti lil binha u nkorriet spejjez li ghandha dritt titlob minghand il-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut John Bonnici fejn qal illi t-talbiet attrici huma kompletament nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma kkaguna ebda danni lill-attrici kif allegat mill-attrici u kwindi lanqas huwa b’xi mod resposnabbli ghad-danni allegatament sofferti; illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi anke jekk jirrizulta li l-attrici marret Londra, kif minnha allegat, dan ma jfissirx illi l-esponenti ghandu jaghmel tajjeb ghal xi spejjez minnha nkorsi, aktar u aktar meta l-attrici lanqas biss qatt ikkonsultat lill-esponenti dwar dawn l-ispejjez; illi t-talbiet attrici huma ulterjorment nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-manteniment u l-ispejjez pagabbli lill-attrici minghand l-esponenti huma regolati *pendente lite* mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u ghalhekk l-inutilita’ assoluta ta’ dawn il-proceduri; illi t-talbiet attrici huma wkoll kompletament nfondati fil-fatt u fid-dritt u m’huma xejn hlief abbuz da parti ta’ l-attrici tal-process gudizzjarju. Tajjeb illi jigi rilevat illi l-unika raguni li l-attrici trid li binha u bin l-esponenti jmur skola barra minn Malta hija sabiex iccahhad lill-esponenti milli jara lil ibnu u dana kif sejjer jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza. Salv risposta ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Graziella Decesare, Avukat Stephen Thake, Joseph Formosa Randon, Jacob Bonnici Decesare u John Bonnici.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi attrici jirrizulta li din il-kawza titratta dwar talba ghal spejjez inkorsi mill-attrici inutilment meta l-konvenut irrifjuta li jiffirma d-dokument mehtieg ghat-tigdid ta’ passaport t’ ibnu minuri Jacob Bonnici Decesare. Illi t-

Tribunal sema' lill-attrici tispjega kif matul Frar u Marzu, tal-2009 kellha taghmel arrangamenti specjali u tmur toqghod jumejn gewwa Londra, fir-Renju Unit, sabiex tassisti lil binha minuri, Jacob Bonnici Decesare, li huwa wkoll il-wild natural tal-konvenut. Il-problema inqalghet fi Frar, 2009 meta l-attrici u binha ndunaw illi l-passaport, tal-minuri Jacob, kien ha jiskadi fid-9 ta' Marzu, 2009. Illi l-minuri Jacob kien qieghed jattendi skola privata u specjalizzata fl-Ingilterra ghat-tfal li jbatu minn *learning difficulties*. Illi din l-iskola hija mhallsa unikament mill-attrici bil-kunsens tal-konvenut. Gara li meta t-tifel kien qieghed Malta ghal btala qasira (*mid-term holidays*) u raw illi l-passaport kien ha jiskadi fi zmien tlett gimghat ikkomunikat mal-konvenut sabiex jiffirma d-dokumenti mehtiega ghat-tigdid tal-passaport u l-konvenut qalilha li ma kellu ebda oggezzjoni. Illi t-tifel kellu jirritorna lura l-iskola fl-Ingilterra, fl-20 ta' Frar, 2009 ghaliex l-iskola kienet ha tibda fit-22 ta' Frar, 2009.

Mid-dokumenti prezentati u mix-xhieda li sema,'t-Tribunal ikkonstata li l-partijiet m'humiex mizzewwgin izda bejniethom kellhom wild li twieled fis-17 ta' Settembru, 1993 u fil-frattemp l-konvenut kien izzewweg u ghandu zewgt itfal ohra izda llum jinsab separat minn mal-mara.

Illi binhom kien qieghed isib diffikultajiet kbar fl-edukazzjoni tieghu hawn Malta, ghaliex ibati minn *learning difficulties* u l-attrici kienet sabet skola gewwa l-Ingilterra rinomata ghal-attenzjoni intensiva w individwali moghtija lill-istudenti u bghatitu, a spejjez taghha, jistudja f'din l-iskola u sabiex jitghallem kif jissorvola d-diffikulatijiet tieghu. Illi din l-iskola taghti attenzjoni individwali. Il-konvenut ma kellu ebda oggezzjoni li t-tifel jintbaghat jistudja l-Ingilterra tant illi l-konvenut kien ikkonsenta ghal hrug tal-passaport meta beda jmur din l-iskola. Illi meta l-minuri gie Malta ghal habta tal-15 ta' Frar, 2009 ghal *mid-term holidays* kien intiz illi jitlaq lura l-20 ta' Frar ghal kontinwazzjoni tal-edukazzjoni tieghu. L-iskola kienet ha terga' tibda fit-22 ta' Frar, 2009. Illi f'dik il-gimgha l-attrici xtaqet iggedded il-passaport ta' Jacob ghaliex kien ha jiskadi fid-9 ta' Marzu, 2009 u ma riedetx illi jkollu problemi iktar 'l quddiem meta huwa jigi biex jirritorna mill-Ingilterra

wara d-data ta’ l-iskadenza ta’ l-istess passaport. Illi originarjament il-konvenut m’oggezzjonax ghat-tigdid tal-passaport izda malajr bidel fehmtu u rrifjuta li ma jiffirma ebda dokument ghal passaport ta’ ibnu. Illi t-Tribunal sema’ lill-konvenut jghid illi r-raguni tal-konvenut kienet illi huwa kien ha parir u biddel fehmtu u ried li l-attrici tnehhi xi mandati li kien hemm fil-konfront tieghu.

Illi m’huwiex kontestat illi l-konvenut ma jikkontribwixxiex lejn l-ispejjez enormi ta’ l-edukazzjoni t’ibnu fl-Ingilterra.

Illi t-Tribunal fehem lill-attrici meta hija qalet li ma riedetx illi binha ma jirritornax l-iskola u li l-konvenut ma kellux juza lil binhom bhala arma kontra l-omm. Hija xtaqet biss illi l-passaport ta’ binha minuri jiggedded qabel ma l-minuri jitlaq minn Malta ghaliex ma xtaqitx illi jsiefer b’passaport li jiskadi waqt illi huwa jkun l-Ingilterra, ghaliex ma riedetx illi jkollu problemi ghar-ritorn mal-ufficjali tal-immigrazzjoni f’Londra. Illi sema’ kif l-attrici ghamlet tentattiv sabiex tigbor l-firma tal-konvenut mehtieg ghal hrug tal-passaport gdid li kien ha jiskadi, izda ghalkemm meta l-attrici cemplet lil konvenut huwa wera disposizzjoni li jiffirma d-dokument mehtieg ghall-passaport ta’ binhom l-missier biddel fehmtu u meta marret sabiex tiltaqa’ mieghu irrifjuta li jiffirma ghat-tigdid tal-passaport. Irrizulta li bejn il-partijiet kienu ghadejjin proceduri ta’ manteniment u huwa minnu li l-attrici kienet pprezentat xi mandati fil-konfront tal-konvenut sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha. Illi l-konvenut deherlu li huwa kien dispost jiffirma ghall-hrug tal-passaport ghall-ibnu sabiex ikun jista’ jsiefer u jkompli l-istudji tieghu l-Ingilterra, dment illi l-attrici tirtira l-mandati fil-konfront tieghu. Dan gara ghal habta tas-16 ta’ Frar, 2009. Illi dak iz-zmien kien hemm proceduri bejniethom ghaddejjin.

Minn dokumenti ezebiti ra li kif wara li l-attrici rat illi l-konvenut ma riedx jiffirma, ghamlet rikors lil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta’ Frar, 2009 talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizza lill-Ufficjal tal-Passaport johrog passaport lill-minuri Jacob Bonnici Decesare. Il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici fl-20 ta’ Frar, 2009.

Illi fil-frattemp iben l-attrici kien mar lura l-iskola l-Ingilterra fl-20 ta’ Frar, 2009 bil-passaport li kien ha jiskadi ghaliex ma riedetx ittellfu l-iskola.

Illi t-talba taghha hija maqsuma fl- ispejjez segwenti: mija u sitta u tmenin ewro (€186), spejjez tar-rikors ghal hrug tal-passaport; tletin ewro (€30) ghat-tibdil tal-biljett ta’ l-ajru; erba’ mitt ewro (€400) telf ta’ impieg ghal jumejn bejn is-16 ta’ Frar u 17 ta’ Frar, 2009; mitejn ewro (€200) ikel u rqad f’Londra ghal jumejn f’Marzu 2009; u diversi telefonati fis-somma ta’ ghoxrin ewro (€20), li b’kollox jammontaw fl-ammont tat-talba.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici kellha biljett ta’ l-ajru bbukjat ghal Londra fit-13 ta’ Marzu, 2009 bir-ritorn lejn Malta fl-20 ta’ Marzu, 2009 fuq xoghol taghha personali. Illi binha kellu jirritorna Malta fis-26 ta’ Marzu, 2009 u kien dehrilha li peress illi hija kienet diga’ l-Ingilterra, tibqa’ hemm ftit iehor u tinzel mat-tifel u taccerta ruhha li huwa ma jkollux problemi mat-tluq bil-passaport skadut. Din id-decizjoni kienet haditha wara li hija kienet ikkonsultat kemm mal-Awtoritajiet Inglizi tal-immigrazzjoni kif ukoll mall-*Malta High Commission* f’Londra. Illi waqt illi kienet Londra kellha ghalhekk tbiddel il-biljett ta’ l-ajru u ta’ dan giet iccargjata tletin ewro (€30) mill-Air Malta. Illi mill-provi, prodotti lit-Tribunal, jirrizulta li iben l-attrici kellu jirritorna lejn Malta fis-26 ta’ Marzu, 2009. Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet qieghda izzom il-konvenut responsabbli ghal jumejn spejjez ta’ soggorn u ikel u li fil-fehma tat-Tribunal jumejn spejjez huwa ammont ta’ granet ragonevoli, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

It-Tribunal ra li fir-rikors tal-attrici hija qalet, f’paragrafu sitta (6), li “l-passaport tat-tifel wasal biex jiskadi fid-9 ta’ Marzu, 2009 u ghalhekk hemm bzonn illi jihareg passaport gdid ghalih. L-esponenti ma tissugrax illli tibghat lit-tifel l-Ingilterra u jirritorna l-Ingilterra b’passaport li wasal biex jiskadi ghaliex tibza’ li jkollu diffikultaijiet mall-ufficjali tal-immigrazzjoni”. Illi minkejja dan u minkejja l-fatt illi fil-gurnata li binha telaq lejn l-Ingilterra, binha ma kellux pasaport gdid, hija xorta wahda kellha tibghat lil binha lejn l-Ingilterra sabiex ma ttellfux l-iskola li kellha tibda fit-22 ta’

Frar, 2009 u l-istudju ghall-ezamijiet u ma riedetx illi t-tifel ibati konsegwenzi ohra mal-istess. L-attrici spjegat kif kienet konsapevoli mill-fatt illi Jacob mar l-Ingilterra b’passaport li kien ha jiskadi u kienet ghal din ir-raguni li hija telghet l-Ingilterra sabiex takkompanja lil binha minuri lura lejn Malta meta kien wasal iz-zmien sabiex jigi lura d-dar ghal btala li jmiss. Illi ghalkemm huwa kien ilu jaghmel dan il-vjagg wahdu lura lejn Malta, hija ma riedetx illi binha ta’ hmistax-il sena jaghmel vjagg wahdu f’cirkostanzi ta’ passaport skadut ghaliex ma kienetx taf x’kien ha jirrizulta mall-Ufficcju tal-Immigrazzjoni gewwa l-Ingilterra u ma riedetx thallih wahdu.

Illi hija l-fehma tat-Tribunal li din il-kawza tinvolvi spejjez li jmorru oltre l-manteniment u spejjez ohra dekretat mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Illi wara li sema’ u evalwa l-provi kollha dwar ir-raguni fil-mertu ta’ din it-talba, ra li l-attrici, u cioe’ omm il-minuri ghamlet sewwa li takkompanja lura lil binha fil-vjagg lura fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ta’ passaport skadut. It-Tribunal jifhem lill-attrici u ma jaqbilx mal-atteggjament xejn lodevoli tal-konvenut. Illi l-konsegwenzi ta’ agir egojistiku u kappricuz tal-konvenut kien ha jbatihom biss ibnu partikolarment meta t-Tribunal sema’ lill-konvenut jghid illi huwa ma kienx kontra li ibnu qieghed jigi edukat l-Ingilterra.

It-Tribunal m’ghandux dubju illi l-ispejjez inkorsi mill-attrici ghal dan il-vjagg, kif ukoll l-ispejjez zejda ghar-rikors lill-Qorti ghal hrug tal-passaport kif ukoll ghat-telf ta’ ntrojtu ghandhom jkunu batuti mill-konvenut. Izda t-Tribunal ghandu jkun konvint mill-ispejjez inkorsi mill-attrici. T-Tribunal ra li l-konvenut minghajr ebda raguni valida dahhal lil ibnu fi kwistjonijiet personali li huwa kellu m’ommu. Illi kien iben il-konvenut li kien ha jbati, konsegwenza ta’ l-agir tal-konvenut u mhux l-omm ghaliex kien ibnu li kien ha jitlef l-istudji u mhux l-omm.

Illi rigward l-eccezzjonijiet tal-konvenut it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-konsegwenzi ta’ l-agir xejn lodevoli tieghu meta b’egojizmu kbir iddecieda li ma jiffirmax id-dokument mehtieg ghat-tigdid tal-passaport t’ibnu sabiex huwa

jkompli l-istudji tieghu fl-Ingilterra. Illi huwa minnu li l-attrici ma kienetx ikkonsultat lill-konvenut dwar l-ispejjez ili kienet qieghda tinkorri izda t-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispejjez inkorsi gew maghmula konsegweneza tal-agir illodevoli tal-konvenut, liema spejjez saru *ad hoc.* It-Tribunal ra li l-attrici ghalkemm setghet izommu responsabbli ghal biljett ta' l-ajru, m'ghamlitx dan ghaliex l-istess biljett gie ntuzat fuq xoghol taghha personali. Illi bhala MISSIER, il-konvenut ghandu l-obbligu u d-dover li jrabbi u jeduka lil ibnu b'valuri sodi. Illi l-konvenut kien konsapevoli tal-edukazzjoni specjali li kien qieghed jircievi ibnu minhabba d-diffikulatjiet li kellu biex jitghallem, tant illi fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal huwa ma sab ebda oggezzjoni li ibnu jattendi din l-iskola specjalizzata fl-Ingilterra. Illi bhala missier huwa ghandu l-obbligu li jhares l-interess t' ibnu u jekk huwa ghandu xi tilwima m'ommu din ghandha tibqa' biss bejniethom. Illi lit-Tribunal jidhirlu li fic-cirkostanzi iben il-partijiet sofra diga bizzejjed fit-trobbija tieghu u l-attur ghandu juri iktar sens ta' maturita' u responsabbilita' u ma jharisx biss l-interessi materjali tieghu. Illi t-Tribunal sema' lill-konvenut jixhed u sema' ukoll ix-xhieda tal-minuri Jacob. It-Tribunal ma jhossx illi m'ghandux ghalfejn ma jemminx il-verzjoni tat-tifel dwar il-konversazzjoni li kellu mieghu meta ibnu kien ipprova jikkonvinci lil missieru jiffirma l-passaport ghaliex huwa kellu l-ezamijiet u kellu bzonn imur jistudja. Huwa car u inekwivoku li l-konvenut ghandu ftit li xejn interess f'ibnu, Jacob Bonnici Decesare, izda galadarba huwa rrikonoxxa lil ibnu ghandu l-obbligu u d-dmir li jagixxi bhala missier fil-konfront t' ibnu u jhares biss l-interess t' ibnu. Illi t-Tirbunal jidhirlu li l-mertu ta' din il-kawza tmur oltre l-manteniment u spejjez regolati *pendente lite* mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Illi t-Tribunal jidhirlu li ghalkemm l-attrici ppruvat illi l-konvenut ghandu jkun mizmum responasabbli ghad-danni kollha sofferti minnha, t-Tribunal ghandu jhossu konvint mill-ispejjez inkorsi.

Illi mill-provi dokumentali l-attrici pproduciet kont tal-avukat ghal spejjez inkorsi fis-somma ta' mija sitta u tmenin ewro (€186) li ghandhom jigu milqugha. Illi l-mitejn

ewro (€200) ghall-ikel u soggorn f'Londra ghal jumejn huma fil-fehma tat-Tribunal spejjez ragonevoli u fic-cirkostanzi gustifikati; illi ghoxrin ewro (€20) telefonati ghal dan il-kaz, ghalkemm ma gewx prodotti ricevuti huma fil-fehma tat-Tribunal spejjez ragonevoli u fic-cirkostanzi gustifikati; illi tletin ewro (€30) ghall-estenzjoni tal-biljett ta' l-ajru ghalkemm ma gewx prodotti ricevuti huma accettabbli u gustifikati fic-cirkstanzi tal-kaz. Illi dwar it-telf ta' impieg ghal jumejn, it-Tribunal ra li l-attrici kienet diga taf illi fis-16 a' Frar, 2009 hija kellha tmur ma' binha sabiex tghinu jgedded il-passaport u ghaldaqstant hija kienet diga konsapevoli li kellha takkompanja lill-binha kif ukoll tmur ghand il-konvenut, fix-Xemxija, ghall-firma. Illi t-tifel kien wasal Malta ghal habta tal-15 ta' Frar, 2009 ghal gimgha u kellu jitlaq Malta fl-20 ta' Frar, 2009 sabiex imur lura l-iskola. Illi fis-16 ta' Frar, 2009 kien fi kwalunkwe' kaz diga' ppjanat mill-attrici, li l-passaport ghandu jigi mgedded u l-pjan sfratta meta l-konvenut irrifjuta li jiffirma ghat-tigdid tal-passaport t'ibnu minhabba tilwima personali li kellu maghha. Illi l-attrici kienet diga taf li ma kienetx ha tahdem dik il-gurnata u r-raguni kienet it-tigdid tal-passaport. Illi kien wara li sfratta l-appuntament ghall-firma fis-16 ta' Frar, 2009 li l-ghada u cioe' fis-17 ta' Frar, 2009 mill-ewwel ghamlet rikors lil Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex il-passaport jinhareg b'ordni mill-Qorti. Illi t-Tribunal jidhirlu li fic-cirkostanzi tal-kaz hija setghet tahdem fil-gurnata tas-17 ta' Frar, 2009 ghaliex hija kellha biss tmur il-Qorti sabiex tiehu gurmanet. Illi ghaldaqstant wara li ezamina bir-reqqa din il-parti tat-talba, ma jhossx illi jista' jakkolji l-parti tat-talba ghal *loss of wages* u ghalhekk m'ghandux jidhol responsabbli l-konvenut ghal dan it-telf.

Wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, t-Tribunal ra li l-attrici agixxiet korrettement fil-konfront ta' binha u li t-talba taghha hija gusifikata. It-Tribunal ra li l-attrici thallas minn butha l- edukazzjoni specjali ghal binha fi skola specjalizzata ghat-tfal *b'learning difficulties*. Illi l-konvenut ma kienx oppona ghal dan izda fl-istess hin oppona ghat-tigdid tal-passaport ta' ibnu sabiex juza din il-firma bhala arma kontra l-omm f'tilwimiet ta' bejniethom. Illi b'konvinzjoni morali huwa car u manifest illi l-konvenut m'ghandux interess fit-trobbija w l-edukazzjoni ta' ibnu w l-

interessi tal-konvenut huma interessi materjali li jikkoncernaw lil butu.

Ghar-ragunijet hawn fuq imsemmija , t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenut limitatament fis-somma ta' erba' mija, sitta u tletin ewro (€436) bl-imghaxijiet minn Marzu, tal-2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------